# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 2 ta' Marzu 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**
**vs**
**Aboulezz Ghassan**

**Kumpilazzjoni Numru: 348/2016**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Aboulezz Ghassan ta' 64 sena, imwieled Lebanon nhar l-10 ta' Settembru 1957, iben Toufik u Hola xebba Sakr, residenti gewwa 46, Triq ta' Mellu, Mosta u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 149810L.

Akkuzat talli fix-xahar ta' Lulju 2013 u fix-xhur ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta' flus ghad-detriment ta' Akram Jrirah u/jew persuna/i ohra, u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi s-somma ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali[1] permezz ta' liema baghat lil-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja kif mahsub f'l-artikoli:
- 261 tal-Kpitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

[1] A fol 70.

- 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda allegazzjoni ta' serq maghmula minn certu Akram Jrirah.

Illi fid-depozizzjoni tieghu[2] l-ufficjal prosekutur **l-Ispettur Jonathan Ransley** spjega li fis-16 ta' Lulju 2013 Akram Jrirah kien mar l-ghassa ta' Hal-Balzan u irrapporta li bejn id-19 u l-20 ta' Frar ta' dik is-sena (2013) kien inghata cekk mahrug minn certu Mohir Abouzidan ghal xi xoghol li kien ghamel; dan kien cekk bin-numru 825011, mahrug fuq kont mal-Banif Bank. Skont ir-rapport maghmul, ic-cekk li Jrirah kien hallih fir-residenza tieghu 15, David, Flat 9 Valley Road Balzan, kien hadu u sarrfu l-imputat fit-23 ta' Frar 2013; Jrirah allega ukoll li l-imputat ha xi dokumenti ukoll inkluz dokumenti relatai ma xi passaporti. L-ispettur Ransley spjega li kien talab u ottjena mandat ta' arrest fil-konfront ta' l-imputat u meta kellem lill-imputat dan qallu li vera ic-cekk kien sarrfu hu pero kien ghaddihulu Jrirah flimkien ma xi dokumenti biex ikun jista' jgieblu l-familja Malta. L-ispettur Ransley spjega li kemm l-imputat kif ukoll Jrirah kienu harbu mis-Sirja lejn il-Libya u l-imputat kellu jmur l-Libya biex jipprova jgib il-familja ta' Jrirah lejn Malta. L-imputat allega li huwa fil-fatt mar il-Libya, iltaqa' ma' mart Jrirah taha il-flus, pero minhabba problemi ta' visa hi u t-tfal ta' Jrirah ma setghux jigu Malta. Rinfaccjat b'zewg verzjonijiet kunfliggenti, f'Awwissu 2013, l-Ipsettur Ransley baghat ghaz-zewg persuni koncernati u sar konfront bejniethom u kull wiehed mill-paritjiet baqa' jinsisti fuq il-verzjoni tieghu. L-Ispettur Ransley spjega li hu kien tal-fehma li ma kellux bizzejjed provi f'idejh biex jipprocedi kontra l-imputat, pero wara challange proceedings da parti ta' Jrirah, u ai termini ta' degriet mghoti fis-26 ta' Jannar 2016, il-Kummissarju tal-Pulizija gie ordnat jipprocedi b'azzjoni penali kontra l-imputat. L-ispettur Ransley ghalhekk baghat ghall-imputat ha l-istqarrija tieghu li fiha qal l-istess affarijiet li kien qallu tlett snin qabel; din l-istqarrija giet esebieta[3] u giet esebieta ukoll kopja tac-cekk in ezami[4]. In kontro

[2] A fol 7.
[3] Dok JR3 a fol 15.
[4] Dok JR4 a fol 176

ezami l-Ispettur Ransley specifika li c-cekk, li kien ghas-somma ta' tlett elef Euro, ma kienx f'isem Jrirah imma f'isem l-imputat.

Illi **PS 1157 Bertly Aquilina**[5] ikkonferma li fis-16 ta' Lulju 2013 Akram Jrirah kien mar l-ghassa ta' Balzan jaghmel ir-rapport imsemmi mill-Ispettur Ransley. Huwa prezenta l-okkorrenza relattiva[6].

Illi xehed **Stephen Baldacchino**[7] in rapprezentanza ta' Banif Bank Malta u ikkonferma li c-cekk bin-numru 825011 kien mahrug minn fuq kont f'isem Mohir Abouzidan; ic-cekk, ghall-ammont ta' tlett elef Euro u datat 23 ta' Frar 2013, kien pagabbli lil Aboulezz Ghassan u gie imsarraf dak in-nhar stess u cioe fit-23 ta' Frar 2013 fil-branch ta' San Giljan. Ix-xhud li prezenta scanned image ta' dan ic-cekk[8] ma kienx f'pozizzjoni jghid jekk ic-cekk gie imsarraf jew depozitat.

Illi **Akram Jrirah** xehed[9] f'dawn il-proceduri. Huwa jghid li kien ilu jaf lill-imputat xi hmistax il-sena[10]; jghid li lil Mohir jafu ukoll u kien jahdem mieghu. Jghid li Mohir kien taf cekk ghal tlett elef Euro li kienu dovuta ghal xoghol li ghamel; f'dan ic-cekk Mohir kiteb l-ammont biss u halla d-dettalji l-ohra vojta. Mistoqsi kemm ilu Malta jghid li kien ghamel ghaxar snin hawn Malta u issa kien ilu hames snin; jghid li qabel kien mizzewweg Sirjana pero hi ma gietx Malta u llum huwa mizzewweg Maltija. In kontro ezami jghid li l-imputat kien habib tieghu u kien jaf kollox fuqu inkluz li kellu mara l-Libya. Jghid li l-imputat ried jghamel xi negozju mieghu biex ikun jista jiftah restaurant il-Libya. Jghid li l-imputat hataflu envelope li fih kien hemm c-cekk u mar il-Libya; jghid li anke l-Ambaxxata ta' Malta pero bhala skuza. Meta l-imputat gie lura Malta Jrirah talbu l-flus pero dan ma tahomlux ghalhekk mar jaghmel rapport. Jrirah baqa' jinsisti li hu ma tahx flus lill-imputat imma kien l-imputat li seraqlu l-envelope bic-cekk. Specifika li f'l-envelope kien hemm ukoll ritratt ghall-passaport ta' martu u ibnu. In ri-ezami Jrirah qal li dam biex jghamel rapport ghand il-pulizija ghax rid jaghtih cans u li jirrangaw bil-kelma t-tajba. F'kontro ezami ulterjuri Jrirah ma ridx jaghti raguni ghaliex ic-cekk hallih minghajr isem u minghajr data f'envelope flimkien mad-dokumenti tal-passaport tal-mara u t-tifel. Qal ukoll li meta l-imputat mar il-Libya "*ghamillu hafna affarijiet u hafna problemi mal-mara u spicca jissepara*". Jrirah prezenta dokument li juri li huwa iddivorzja lil martu[11]. Minn dan id-dokument jidher li id-divorju sehh f'l-4 ta' Frar 2015.

---

[5] Depozizzjoni a fol 25.
[6] Dok BA1 a fol 28.
[7] Depozizzjoni a fol 31.
[8] Dok SB1 a fol 34.
[9] Depozizzjoni a fol 36.
[10] Huwa kien qed jixhed fil-5 ta' Dicembru 2016.
[11] Dok AJ1 a fol 44.

Illi **l-imputat** mhux biss kien irrilaxxja stqarrija imma anke ta d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti.

Illi f'l-istqarrija[12] l-imputat spjega li hu kien sar jaf lil Jrirah fis-sena 2000 meta gie mill-Libya; ma kienux hbieb imma gieli iltaqghu. Jghid li kien hemm okkazzjoni meta Jrirah ghamillu xi xoghol; kien dam tlett ijiem. Dwar ic-cekk ghid li darba Jrirah kien mar id-dar tieghu (il-Mosta) u hu ha dan ic-cekk il-Banif Bank San Giljan u sarrfu. Specifika li Jirahh kien taf dawk il-flus biex johodhom lil mara ta' Jrirah il-Libya. Ic-cekk kien mahrug minn certu Mohir Abouzidan u kien ghal tlett elef Euro; Abouzidan kiteb biss l-ammont u halla isem lil min hu pagabbli ic-cekk vojt u kien l-imputat stess li kiteb ismu. L-imputa zied li ftit wara li sarraf ic-cekk kien mar il-Libya u lil mara ta' Jrirah taha il-flus u xi dokumenti; dan kien fi Frar 2013 u ltaqa' ma mart Jrirah fi Tripoli. Mistoqsi ghalfejn ma marx Jrirah il-Libya biex igib lil martu, l-imputat qal li Jrirah kien refugjat hawn Malta u ma setax imur hu. L-imputat ikkonferma ukoll li Jrirah kien tah ic-cekk il-Gimgha 22 ta' Frar 2013; l-ghada mar issarrfu u wara ltaqa' ma Jrirah biex jghidlu li ma kienx sejjer il-Libya dak in-nhar stess (kif kienu miftehmin) imma t-Tnejn 25 ta' Frar 2013. L-imputat jghid li huwa dam xahar u nofs il-Libya u dan daqshekk ghax prova jsib xoghol hemm imma ma rnexxielux. L-imputat jghid ukoll li kien hemm okkazzjoni meta Abouzidan kien cempillu u heddu minhabba li ma kienx gab il-mara ta' Jrirah mill-Libya.

Illi fid-depozizzjoni tieghu[13] l-imputat jghid li Jrirah ried igib il-familja tieghu Malta. Jghid li kien gablu cekk u karti tal-mara u t-tfal iffirmati u ttimbrati minn Dr Farrugia biex igibhom Malta. Jghid li l-mara ta' Jrirah ma setghatx tigi Malta, hi kienet qeghda il-Libya, minhabba li kellha bzonn xi permess minn hemmhekk. Specifika li hu kull ma kellu jaghmel kien li jiehu l-karti lil mara ta' Jrirah. Fil-fatt, kompla jghid kienet il-mara ta' Jrirah li marret biex taghmel il-visa, damet xi sitta jew sebgha xhur u ma rnexxielhiex, inqala' l-inkwiet bejnethom u ddivorjaw. Dwar ic-cekk l-imputat qal li dak kien gabulu Jrirah, hu mar il-bank isarrfu. Zied li meta mar ghand il-mara ta' Jrirah kien hemm persuna ohra mieghu u taha il-flus. Aktar minn hekk qal li l-flus ma kienux intiezi biex jintuzaw biex il-mara tigi Malta imma ghal bzonnijiet taghha fil-Libya. Wara xi sebgha xhur Jrirah mar ghand l-imputat (li issa kien qieghed lura Malta) u ried il-flus lura. L-imputat jghid li lil Jrirah qallu li l-flus kien tahomlha lil mara u ma jekk hi baqghet ma gietx kienet bicca tieghu. In kontro-ezami l-imputat jghid li hu mar il-Libya bil-Libyan Airlines. L-imputat zied ukoll li il-persuna li kien mieghu meta ta il-flus lil mart Jrirah iltaqa' ma' Jririha u ikkonfermalu li hu (l-imputat) kien taha il-flus fil-prezenza tieghu (cioe fil-

[12] Dok JR3 a fol 15.
[13] A fol 101.

prezenza ta' dik il-persuna) pero meta ra li martu ma gietx Malta Jrirah ried il-flus lura.

Ikkunsidrat

Illi mir-riassunt tal-provi huwa car li hemm kunflitt lampanti fil-verzjonijiet mghotija mill-parte civile min-naha u mill-imputat min-naha l-ohra. Dan il-kunflitt pero ma jfissirx li l-imputat necessarjament ghandu jigi liberat. Dwar dan il-punt pronunzjat ruhha diversi drabi l-Qorti ta'l-Appell Kriminali.

> *Il-fatt li l-appellant cahad dawn l-incidenti w li ghalhekk hemm konflitt fil-provi ma jfissirx necessarjament li hu kellu jigi liberat ghax l-Ewwel Qorti kienet libera li temmen il-versjonijiet ta' ... u tiskarta dik tieghu. Mhux kull konflitt fil-provi awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni ta' akkuzat. Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta f'l-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker" [19.5.1997]: "It is true that conflicting evidence 'per se' does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*[14]

Illi ghalhekk il-Qorti ghandha l-obbligu li tevalwa l-provi kollha migbura u tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min ghandha temmen u f'xiex ghandha temmnu.

Illi meta wiehed jezamina l-verzjonijiet li ta l-parte civile mill-ewwel jidhru certu diskrepanzi kif ukoll fatti li ma tantx ghandhom mill-verosimili. M'hemmx dubbju li huwa kellhu cekk ghal tlett elef Euro u li dan ic-cekk kien in bjank. Dwar ic-cekk huwa jghid li dan kien tahulu Mohir bhala hlas ghal xoghol li kien ghamel, pero ma ta' l-ebda raguni plauzibbli ghalfejn dak ic-cekk thalla in bjank: la kellu indikat il-payee u lanqas kellu data.

Illi jidher li dan ic-cekk kien mizmum ma' xi dokumenti li kienu jirrigwardaw passaporti ta' martu u tat-tifel tieghu. Meta mar jaghmel ir-rapport f'l-ghassa tal-pulizija Jrirah qallhom li f'envelope flimkien mac-cekk kien hemm kuntratt tad-dar ta' Mohir u ritratti tal-passaport tal-familja tieghu. Meta kien qed jixhed quddiem din il-Qorti pero insista li f'l-envelope kien biss ir-ritratti minbarra c-cekk.

[14] Ref Il-Pulizija vs Omissis Appell Kriminali Numru 51/2003 deciz 04/09/2009 per Imhallef Dr J Galea Debono.

Illi meta ghamel ir-rapport u anke meta kellem lill-Ispettur Ransley l-parte civile allega biss li l-imputat seraqlu dak l-envelope u li sarraf ic-cekk. L-unika haga oltre dan li qal lill-Ispettur Ransey kienet li dawk il-flus kienu intizi biex ikun jista' jgib lill-familja tieghu mill-Libya. Ma jidhirx li semma xi haga dwar il-fatt li l-imputat kien mar il-Libya biex jipprova jghin lil mara tigi Malta. Anke quddiem din il-Qorti kien biss in kontroezami li l-parte civile wasal biex ammetta li l-imputat mar il-Libya u ghamel xi haga li kienet tirrgwarda l-familja tieghu tant li ammetta li l-imputat anke mar l-ambaxxata Maltija. Fil-verita Jrirah jghid ukoll li l-imputat mar hemm (l-ambaxxata) bhala skuza biex attaparsi ghamel xi haga biex jghin lil mara tieghu. Pero minn dan wiehed jista' jiddezumi li l-imputat ghalhekk mar il-Libya u cioe biex igib il-mara ta' Jrirah. Mid-depozizzjoni ta' Jrirah jidher ukoll li meta l-impjutat kien il-Libya zamm kuntatt mieghu tant li Jrirah jirreferi ghal konverzazzjoni li kellhom fil-kors ta' liema qallu biex meta jigi lura jgieblu l-flus lura; jidher minn dak li jghid Jrirah li f'dik l-istess konverzazzjoni l-imputat kien qallu li li l-mara ma tistax tigi lura u li hu (Jrirah) haseb li din kienet skuza da parti ta' l-imputat.

Illi aktar minn hekk minn dak li jghid Jrirha jidher li hu jammetti li l-imputat meta kien il-Libya prova jaghmel xi haga li tirrigwarda lil martu u possibilment kien hemm xi kuntatt bejniethom (bejn l-imputat u mart Jrirah) ghax Jrirah jghid "*u meta mar il-Libya ghamilli hafna affarijiet u hafna problemi mal-mara*", Jritrah wasal biex jghid li huwa u l-mara isseparaw minhabba dawn il-problemi li ghamillu l-imputat.

Illi fattur iehor ta' certa relevanza huwa d-dekors ta' zmien sa kemm Jrirah mar ghand il-pulizija biex jaghmel ir-rapport. Ic-cekk issarraf fit-23 ta' Frar 2013; minn dak li jghid l-imputat huwa ghamel xi xahar u nofs il-Libya ghalehkk ghal nofs April kien qieghed lura Malta. Minkejja dan ir-rapport sar fis-16 ta' Lulju 2013.

Illi min-naha l-ohra hemm il-verzjoni ta'l-imputat. Huwa ta l-verzjoni tieghu erba' darbiet: tlett darbiet lill-Ispettur Ransley[15] u darba quddiem din il-Qorti; bejn it-tieni u t-tielet darba ghaddew tlett snin u bejn it-tielet u r-raba darba ghaddew sitt snin[16]. Minkejja dan huwa dejjem kien konsistenti fil-verzjoni li ta u ftit li xejn hemm differenzi bejn verzjoni u ohra. Huwa jammetti li sarraf ic-cekk in ezami wara li kiteb ismu u d-data fih, pero insista li kien l-imputat li tah ic-cekk u xi dokumenti biex jaghtihom lil martu halli din tkun tista' tottjeni visa biex tigi Malta. Aktar minn hekk l-imputat jinsisti ukoll li hu ta dawk it-tlett elef Euro u d-dokumenti li kien hemm f'l-envelope lil mart Jrirah meta kien il-Libya. Kien hemm zewg dettalji li l-imputat semma' biss waqt id-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti u cioe il-fatt li mad-dokumenti li tah

---

[15] Meta kellmu l-ewwel darba, meta sar il-konfront u meta hadlu l-istqarrija.
[16] L-imputat ghamel zmien twil barra mill-pajjiz u ma setax jinstab; kien ghalhekk li l-kawza damet.

Jrirah kien hemm karti irrirmati u ttimbrati minn certu Dr Farrugia u li hu kien ma persuna ohra meta ta il-flus lil mart Jrirah. Huwa ta' certa relevanza li din il-persuna ma tressqitx  bhala xhud biex tikkorobora dak li jghid l-imputat. L-imputat pero ukoll jghid xi affarijiet li huma daqsxejn kunfliggenti fis-sens li f' waqt jghid li hu kull m'ghamel kien li ikkonsenja il-flus u d-dokumenti lil mara ta' Jrirah u f'mument ohra jghid li ghena kemm seta' biex iggib il-visa biex tkun tista' tigi Malta.

Illi wara analizi ta' dawn il-verzjonijiet (li huma l-provi principali f'dan il-kaz) il-Qorti hija tal-fehma li ma tistax taghti kredibilita lill-dak li jallega l-parte civile. Il-Qorti min-naha l-ohra lanqas m'hi konvinta f'dak li jghid l-imputat meta jallega li kull ma kellu jaghmel kien li jikkonsenja l-flus u d-dokumenti lil mart Jrirah u mhux li uza il-flus biex jghinha tigi Malta.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li n-nuqqas ta' xhieda kredibbli u l-kunflitt lampanti u irrizolt li hemm fil-provi, ma jistghu qatt iwassluha ghal xi konkluzjoni 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni dwar ir-reita ta'l-imputat.

Ikkunsidrat

Illi f'dan l-istadju l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tissoferma fuq l-imputazzjoni li biha huwa addebietat l-imputat.

Illi l-proceduri inbdew quddiem din il-Qorti bhala Qorti Struttorja u kien bir-rinviju ghal gudizzju ai termini ta'l-artikolu 370(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li din il-Qorti setghet tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Fin-nota relattiva l-Avukat Generali indika li tista' tinstab htija kif mahsub f'l-artikoli 261 u 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali esprimiet ruhha diversi drabi dwar in-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali, ir-rwol li tassumi, u l-importanza ta' indikazzjoni cara u korretta ta'l-artikolu tal-Ligi kollha li  jikkontemplaw r-reati li bihom jigi addebietat l-imputat. Fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Dorianne Camilleri[17] dik il-Qorti, anke b'referenza ghall-gurisprudenza in tema, qalet hekk:

> *Issa meta "ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal*

---

[17] Deciza fit-28 ta' Frar 2018.

*dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. ...” (Il-Pulizija vs Michael Carter – 07/12/2001 App.Krim)*

*Illi l-artikolu 589 tal-Kodici Kriminali jitkellem dwar dak li ghandu ikun fiha l-att ta'l-akkuza meta fis-sub-inciz (b) li jikkontempla l-parti narrattiva ta'l-att ta'l-akkuza hemm dispost illi l-Avukat Generali “ghandu fisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ-ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena.”*

*Ikompli s-sub-iniz (c) hekk meta jitkellem fuq il-part akkuzatorja ta'l-att ta'l-akkuza meta hemm dispost illi din tikkostitwixxi: “ġabra fil-qosor li fiha l-imputat jiġi akkużat tar-reat kif miġjub jew imfisser fil-liġi, u bit-talba sabiex jitmexxa kontra l-akkużat skont il-liġi, u sabiex l-istess akkużat jiġi ikkundannat għall-piena stabbilita mil-liġi (hawn jingħad l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat) jew għal kull piena oħra li skont il-liġi tista' tingħata skont kif jiġi iddikjarat ħati l-akkużat.”*

*Mela allura fil-parti narrattiva ta'l-att ta'l-akkuza l-Avukat Generali ghandu jindika c-cirkostanzi kollha ta' fatt li jistabilixxu r-reat u isemmi ic-cirkostanzi li jistghu jkabbru jew inaqqsu l-piena u allura jirrendu ir-reat iktar gravi, madanakollu imbaghad fil-parti akkuzatorja huwa bizzejjed illi jigi indikat l-artikoli tal-ligi li jikkontempla ir-reat. ... ...*

*Ekwiperata n-nota ta' rinviju ghal gudizzju ma'l-att ta'l-akkuza allura huwa bil-wisq evidenti illi huwa bizzejjed illi l-Avukat Generali jindika l-artikoli tal-ligi li jikkontempla r-reat u dan kif hemm indikat b'mod specifiku fl-artikolu tal-ligi su-iccitat. Issa huwa minnu illi n-nota ta' rinviju ghal gudizzju ma fijiex dik il-parti narrattiva bhalma fiha l-att ta'l-akkuza, izda l-indikazzjoni tal-fatti tal-kaz johorgu mill-imputazzjonijiet kif originarjament mfassla kontra l-imputat. Illi fis-sentenza fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Francesco sive Godwin Scerri” deciza 18 ta' April 2012 minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta gie deciz illi:*

*"Fin-nuqqas ta' indikazzjoni differenti mill-Avukat Generali, l-artikoli citati mill-Avukat Generali u l-akkuza originali jridu jigu ezaminati flimkien ghal dak li jirrigwarda l-fattispecji partikolari tal-kaz."*

*Dan ghaliex, kif inghad ghalkemm in-nota ta' rinviju ghal gudizzju hija imqabbla mal-att ta'l-akkuza, madanakollu fiha hija mankanti dik l-parti narrattiva bhalma hemm fl-att ta'l-akkuza li titkellem dwar il-fattispecje tal-kaz li abbazi taghhom huma imsejjsa ir-reati li jigu hemmhekk imputati.*

Illi f'l-akkuza originali tal-kaz hawn fuq citat irrizultaw fattispecji ta' omicidju involontarju u ta' offiza involontarja, reati kontemplati rispettivament f'l-artikoli 225 u 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Pero fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju l-Avukat Generali indika l-artikolu 225 biss u ma ndikax ukoll l-artikolu 226 bhala wiehed mill-artikoli li jikkontemplaw r-reati li bihom kienet qed tigi mixlija l-imputata f'dak il-kaz. Il-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil-fatt astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-imputazzjonijiet li kienu jirreferu ghall-offiza involontarja. Dan wara li dik il-Qorti ikundsidrat li s-subinciz 2 ta'l-artikolu 225 *li jitkellem dwar il-piena ghar-reat tal-omicidju involontarju, meta dan huwa akkompanjat bi qtil iehor jew offiza fuq il-persuna mhux qed johloq ir-reat innifsu ta'l-offiza......* Dik il-Qorti kompliet biex tishaq li:

***dawk id-disposizzjonijiet tal-ligi li jitkellmu dwar il-piena ma jistghu qatt jigu imfixxkla mal-ligi li tohloq ir-reat innifsu.***[18] *Illi allura kienet mankanza ta'l-Avukat Generali meta rinfaccjat bil-fatti ta' dan il-kaz illi jonqos milli jindika car u tond fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju l-artikolu 226, u li allura jixli lill-appellanti ukoll bir-reat tal-offiza involontarja.*

Illi kif diga ntqal fil-kaz in ezami l-Avukat Generali indika l-artikolu 261 u 279(b) tal-Kapitolu 9 bhala l-artikoli tal-Ligi li jikkuntemplaw r-reati li bihom qed jigi mixli l-imputat. Pero l-artikolu 279(b) ma johloq l-ebda reat; din id-dispozizzjoni tipprovdi ghall-piena meta il-valur ta'l-oggett misruq jeccedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin centezmu[19]. Dan l-artikolu ghalhekk zgur li ma jistax jittiehed in konsiderazzjoni. L-artikolu 261 min-naha l-ohra jelenka l-kwalifiki ghas-ser li wahda minnhom hija dik dwar valur. Pero l-elementi materjali rikjesti biex jissussistu dawn il-kwalifiki, u allura ir-reat ta' serq aggravat, jirrizulta mid-dispozizzjonijiet li jsegwu l-artikolu 261. Ghalhekk flimkien mas-subparagrafu (a) ta'l-artikolu 261 huwa l-artikolu 262 li jiddetermina x'inhuma l-elementi tar-reat ta' serq kwalifikat

[18] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.
[19] U dan a differenza tas-subartikolu (a) li jipprovdi ghal piena meta l-valur ta'l-oggett misruq ma jeccediex dak l-ammont.

bil-vjolenza u l-istess ghal kull wiehed mill-kwalifiki elenkati f'l-artikolu 261. Fir-rigward tas-serq kwalifikat bil-valur, elenkat fil-paragrafu (c) ta'l-artikolu 261, huwa l-artikolu 267 li jiddetermina x'inhu l-element materjali rikjest biex jista' jinghad li jissussisti dak ir-reat. Isegwi li biex ikun issodisfat il-vot tal-Ligi l-Avukat Generali ma setax jindika b'mod generali l-artikolu 261, li kif intqal jelenka l-kwalifiki kollha kontemplati ghar-reat ta' serq, imma kellu jindika is-subparagrafu li jelenka l-kwalifika tal-valur u l-artikolu li jiddetermina bi precizjoni l-element li jikkostitwixxi dan ir-reat.

Illi la darba l-Avukat Generali naqas li jindika l-artikolu 267 tal-Kapitolu 9 bhala dak l-artikolu li flimkien ma'l-artikolu 261(c) johloq ir-reat ta' serq kwalifikat bil-valur, u tenut kont ta'l-insenjament tal-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil-gurisprudenza fuq citata, din l-Qorti ma tistax tippronunzja ruhha imma jkollha ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**